**22 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**

Alfred Fenech u Agostino Fenech

*versus*

Giovanni Fenech u Anthony Fenech

**Lokazzjoni – Sullokazzjoni – Titolu**

*L-atturi ppremettew illi kienu jissullokaw raba' mingħand il-konvenuti u talbu għalhekk illi jiġu żgumbrati mill-parti li l-atturi ppretendew li hija diviża u li l-istess atturi jiġu permessi li jidħlu f'dik il-parti li ppretendew li kien indiviż.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fis-sens illi ma ġiex stabbilit it-titolu ta' sullokazzjoni pretiż mill-atturi.*

Il-Qorti: –

Rat l-avviż ta' l-atturi li bih prevja jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni illi l-atturi jiddetjenu flimkien mal-konvenuti biċċa raba' magħruf bħala "Il-Bidni", limiti ta' Ħaż-Żabbar b'titolu ta' sullokazzjoni b'mod illi jiddetjenu parti żgħira bil-ħamrija ta' xi tomna u nofs b'mod diviż u l-bqija b'mod indiviż, tikkundannahom li jiżgumbraw mill-istess sehem diviż u tordna lill-konvenuti jħallu lill-atturi jidħlu u jgawdu l-parti indiviża tar-raba', fi żmien qasir u perentorju lilhom iffissat minn din il-Qorti, u dan taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din l-

istess Qorti;

Għall-fini tal-kompetenza jiġi ddikjarat li l-valur lokatizju ma jeċċedix is-sitt liri Maltin (Lm6.00);

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti li jinsabu minn issa nġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Giovanni Fenech fejn eċċepixxa;

Illi d-domanda attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt *stante* li l-atturi ma għandhom ebda titolu għall-istess art magħrufa bħala "Tal-Bidni" ġewwa Ħaż-Żabbar;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fis-26 ta' Mejju, 1992, li biha ddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Illi l-atturi qed jippretendu (1) dikjarazzjoni ta' titolu ta' sullokazzjoni da parti tagħhom fuq il-fondi indikati fl-avviż, (2) żgumbrament mill-partijiet diviżi u (3) li l-konvenuti jħalluhom igawdu parti indiviża mir-raba';

Illi mill-kumpless tal-provi rriżulta sodisfaċentement li l-qbiela tar-raba' *in parola* kienet titħallas minn Karmenu Fenech, missier il-konvenuti lil Dr. Bugeja Caruana, u meta miet l-istess Karmenu Fenech, ir-raba' ossija l-qbiela fuq ir-raba' bdiet titħallas mill-konvenut Giovanni Fenech. Fi kliem Dr. Bugeja

Caruana: "jien ir-riċevuti dejjem ħriġthom fuq Giovanni Fenech personali" (fol. 46);

Illi l-atturi qed jippretendu li għandhom titolu ta' sullokazzjoni fuq ir-raba' *"de quo"*, iżda ma ġabu ebda traċċja *ta' prova dokumentarja* dwar dan. Huma sostnew bil-ġurament li talli kienu jużaw ir-raba', jew parti minnha, huma kienu jħallsu lill-konvenuti;

Illi *in tema* legali, il-Qorti tirrileva li l-provi, sabiex ikunu sodisfaċenti għandhom ikunu sħaħ u integri b'mod li jikkonvinċu *lill-ġudikanti. Dan japplika iżjed meta l-provi jkunu diretti sabiex* jiġi stabbilit titolu fuq proprjetà. Il-Qorti tħoss li l-prova ta' ftehim li jistabbilixxi titolu għandha tirriżulta b'mod ċar u univoku;

Illi fil-każ in diżamina, it-teżi ta' l-atturi tistrieħ biss fuq allegazzjoni ġuramentata ta' l-attriċi. Il-Qorti tħoss li dan l-element ta' prova *"per se"* u fiċ-ċirkostanza ma jissodisfax il-vot tal-liġi sabiex tiġi milqugħa t-talba attriċi. Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni fuq loġika tal-fatti ppruvati u ċjoè li hija inverosimili li l-atturi daħlu fi ftehim ta' sullokazzjoni tal-konvenuti u ħallsuhom il-qbiela regolarment, mingħajr ma esiġew għall-anqas riċevuta waħda;

Illi *in vista* tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attriċi ma ġewx ippruvati sodisfaċentement u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;

*Rat in-nota ta' l-appell ta' l-atturi ppreżentata* fid-29 *ta'* Mejju, 1992;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-atturi ppreżentata fl-4 ta'

Ġunju, 1992, li biha talbu lil din il-Qorti li jogħġobha tiddikjara bħala irrita u nulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-ismijiet premessi mill-ewwel Qorti tas-26 ta' Mejju, 1992, u terġa' tirrimanda l-atti ta' din il-kawża għal quddiem l-ewwel Qorti għal xi apprezzament mill-ġdid, tat-talbiet ta' l-atturi, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx u ma qisitx it-talba attriċi li ġiet inkluża b'rikors ta' l-1 ta' Ottubru, 1991. Dan ir-rikors ta' l-atturi kien ġie akkolt mill-Qorti fl-24 ta' Ottubru, 1991. Fl-avviż tagħhom, l-atturi talbu lill-Qorti biex din tordna lill-konvenuti jħallu lill-atturi jidħlu u jgawdu l-parti indiviża tar-raba' u żgumbrament mill-parti diviża. Huma jissottomettu li b'hekk jidher illi l-ewwel Qorti ma apprezzatx u ma kkunsidratx it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom skond kif dawn ġew korretti u emendati bir-rikors fuq imsemmi u dan il-fatt jirrendi *s-sentenza appellata irrita u nulla*;

Illi minn eżami ta' l-avviż ta' l-atturi jirriżulta li dawn prevja d-dikjarazzjoni fil-bżonn li l-attur kienu qegħdin jiddetjenu nofs indiviż raba' magħrufa "bħala "Il-Bidni", limiti ta' Ħaż-Żabbar b'titolu ta' sullokazzjoni talbu lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex jiżgombraw mill-istess sehem indiviż fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss mill-istess Qorti u dan taħt piena ta' disprezz lejn l-awtorità tagħha;

*Omissis;*

L-allegazzjoni ta' l-atturi kemm fl-avviż kif ukoll fix-xiehda tagħhom, hija li huma kienu qegħdin jiddetjenu l-biċċiet raba' in kwistjoni b'titolu ta' sullokazzjoni l-ewwel mingħand l-awturi tal-konvenuti u sussegwentement mingħandhom. L-allegazzjoni tagħhom għad li ġiet ikkontestata, ma jidhirx li ġiet kontradetta mill-konvenuti li ma xehdux fil-kawża. Il-fatt li l-kera kienet titħallas lis-sid mill-konvenuti u qabilhom mill-awturi tagħhom hija rrilevanti. Barra minn hekk wieħed mill-konvenuti baqa' kontumaċi;

Minn eżami tas-sentenza appellata però *nonostante* xi ineżattezzi li hemm fejn hija ddikjarat li rat l-avviż ta' l-atturi, jidher li din ħadet konjizzjoni sew ta' l-avviż bil-korrezzjonijiet li sarulu. In fatti fis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti rriproduċiet sew il-pretensjoni attriċi. Din qalet li l-atturi qed jippretendu: (1) dikjarazzjoni ta' titolu ta' sullokazzjoni da parti tagħhom fuq il-fondi inidkati fl-avviż; (2) żgumbrament mill-partijiet diviżi, u (3) li l-konvenuti jħalluhom igawdu parti indiviża mir-raba'. Għalhekk wieħed ma jistax jgħid li l-ewwel Qorti ma ħaditx konjizzjoni ta' l-avviż kif korrett. L-uniku aggravju li ssollevaw l-atturi appellanti huwa dak tan-nullità tas-sentenza appellata. Jidher li l-ewwel Qorti qagħdet biss fuq ix-xiehda ta' Dr. Caruana Bugeja u injorat għal kollox ix-xiehda ta' l-atturi u l-allegazzjoni tagħhom dwar il-ftehim li kellhom mal-konvenuti. Fuq dan però l-atturi ma appellawx u din il-Qorti ma tistax għalhekk tidħol fihom;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' l-atturi u għalhekk tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-26 ta'

Mejju, 1992, fl-ismijiet premessi;

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati mill-atturi appellanti.